SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

17 ta' Novembru 2016 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2008/104/KE — Xogħol temporanju — Kamp ta' applikazzjoni — Kunċett ta' 'ħaddiem' — Kunċett ta' 'attività ekonomika' — Persunal tal-kura li ma kkonkludiex kuntratt ta' xogħol imqiegħed għad-dispożizzjoni ta' stabbiliment tas-saħħa minn assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru"

Fil-Kawża C-216/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesarbeitsgericht (qorti federali tax-xogħol, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Marzu 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 ta' Mejju 2015, fil-proċedura

Betriebsrat der Ruhrlandklinik gGmbH

vs

Ruhrlandklinik gGmbH,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn J. L. da Cruz Vilaça, President tal-Awla, A. Tizzano (Relatur), Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, M. Berger kif ukoll A. Borg Barthet u F. Biltgen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: H. Saugmandsgaard Øe,

Reġistratur: M. Aleksejev, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-20 ta' April 2016,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Betriebsrat der Ruhrlandklinik gGmbH, minn G. Herget, avukat,

— għal Ruhrlandklinik gGmbH, minn C.-M. Althaus u S. Schröder, avukat,

— għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. van Beek u G. Braun kif ukoll minn E. Schmidt, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2016,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Novembru 2008, dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU 2008 L 327, p. 9).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn il-Betriebsrat der Ruhrlandklinik gGmbH (kunsill tal-impriża ta' Ruhrlandklinik, iktar 'il quddiem il-"kunsill tal-impriża") u r-Ruhrlandklinik gGmbH dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' K., membru tad-DRK-Schwesternschaft Essen eV (assoċjazzjoni ta' infermieri tas-Salib Aħmar Ġermaniż ta' Essen, il-Ġermanja, iktar 'il quddiem l-"assoċjazzjoni"), fi ħdan ir-Ruhrlandklinik.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi 10 u 12 tad-Direttiva 2008/104 jistipulaw:

"(10)

Hemm differenzi konsiderevoli fl-użu tax-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija u fis-sitwazzjoni legali, l-istatus u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija tal-Unjoni Ewropea.

[…]

(12) Din id-direttiva tistabbilixxi qafas protettiv għall-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija li huwa non-diskriminatorju, trasparenti u proporzjonat, filwaqt li tirrispetta d-diversità tas-swieq tax-xogħol u r-relazzjonijiet industrijali."

4 L-Artikolu 1(1) u (2) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"1. Din id-Direttiva tapplika għall-ħaddiema b'kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg ma' aġenzija ta' xogħol temporanju li huma assenjati għal impriżi utenti biex jaħdmu b'mod temporanju taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tagħhom.

2. Din id-Direttiva tapplika għal impriżi pubbliċi u privati li huma aġenziji ta' xogħol temporanju jew impriżi utenti impenjati f'attivitajiet ekonomiċi kemm jekk qed jaħdmu għal qligħ kif ukoll jekk le."

5 L-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

"Il-fini ta' din id-Direttiva huwa li tiżgura l-protezzjoni ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija u li ttejjeb il-kwalità tax-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija billi tiżgura li l-prinċipju ta' trattament ugwali, kif imniżżel fl-Artikolu 5, ikun applikat għall-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija, u billi tirrikonoxxi lill-aġenziji ta' xogħol temporanju bħala entitajiet li jħaddmu, filwaqt li jittieħed kont tal-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas xieraq għall-użu tax-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija bil-ħsieb li jikkontribwixxi b'mod effettiv għall-ħolqien ta' l-impjiegi u għall-iżvilupp ta' forom flessibbli ta' xogħol".

6 Skont l-Artikolu 3 tal-istess direttiva:

"1. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

a) "ħaddiem" tfisser kwalunkwe persuna li, fl-Istat Membru kkonċernat, hija protetta bħala ħaddiem skond il-liġi nazzjonali ta' l-impjieg;

[…]

ċ) "ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija" tfisser ħaddiem b'kuntratt ta' impjieg jew li għandu relazzjoni ta' impjieg ma aġenzija ta' xogħol temporanju bil-ħsieb li jiġi assenjat għal ma' impriża utenti biex jaħdem temporanjament taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tagħha;

[…]

2. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali fir-rigward tad-definizzjoni ta' paga, kuntratt ta' impjieg, relazzjoni ta' impjieg, jew ħaddiem.

[…]"

7 L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/104 intitolat, "Il-prinċipju ta' trattament ugwali" jipprevedi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tiegħu:

"Il-kondizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u ta' l-impjieg tal-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija għandhom ikunu, għat-tul ta' żmien ta' l-assenjazzjoni tagħhom f'impriża utenti, ta' l-inqas dawk li jkunu japplikaw kieku kienu rreklutati direttament minn dik l-impriża biex jokkupaw l-istess impjieg."

Id-dritt Ġermaniż

8 L-Artikolu 99 tal-Betreibsverfassungsgesetz (liġi dwar ir-relazzjonijiet soċjali fl-impriża), kif l-aħħar emendata permezz tal-liġi tal-20 ta' April 2013 (BGB1. 2013 I, p. 868), fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, tipprovdi:

"Fl-impriżi li għandhom normalment iżjed minn 20 impjegat li għandhom dritt għall-vot, il-persuna li timpjega għandha tinforma lill-kunsill tal-impriża qabel kull reklutaġġ […], tipprovdilu l-files ta' kandidati u l-informazzjoni relatata mal-persuni kkonċernati; hija għandha tinforma lill-kunsill tal-impriża, filwaqt li tibgħatlu d-dokumenti neċessarji, bl-effetti tal-miżura prevista u titlob il-kunsens tal-kunsill tal-impriża għad-deċiżjoni prevista. […]

2. Il-kunsill tal-impriża jista' jirrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu jekk:

1) Il-miżura li tirrigwarda membru tal-persunal […] tista' tikser xi liġi […]

[…]".

9 L-Artikolu 1(1) tal-Arbeitnehmerüberlassungsgesetz (liġi dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ħaddiema), kif emendata bil-liġi tat-28 ta' April 2011 (BGB1.2011 I, p. 642) li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2011, jipprevedi:

"Il-persuni li jimpjegaw li jixtiequ, bħala fornituri ta' ħaddiema, iqiegħdu fil-kuntest tal-attività ekonomika tagħhom, ħaddiema impjegati (ħaddiema permezz ta' aġenzija) għad-dispożizzjoni ta' terzi (impriżi utenti) għandu jkollhom awtorizzazzjoni. It-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ħaddiema mal-impriża utenti għandu natura temporanja […]."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

10 Ir-Ruhrlandklinik topera klinika-sptar ġewwa Essen (il-Ġermanja). Matul is-sena 2010, hija kkonkludiet ftehim ta' tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ħaddiema mal-assoċjazzjoni, li permezz tiegħu din tal-aħħar ntrabtet li tassenja lil din il-klinika persunal tal-kura, bil-korrispettiv ta' kumpens finanzjarju li jkopri l-ispejjeż tal-persunal, inkluż allowance b'rata fissa ta' 3 % għall-ispejjeż amministrattivi. Dan il-persunal tal-kura huwa kompost minn membri rreġistrati tal-assoċjazzjoni li huma awtorizzati li jeżerċitaw attività professjonali fil-qasam tas-servizzi tas-saħħa.

11 L-assoċjazzjoni hija waħda rreġistrata mingħajr skop ta' lukru, affiljata mal-Verband der Schwesternschaften vom Deutschen Roten Kreuz eV (federazzjoni tal-assoċjazzjonijiet ta' infermieri tas-Salib Aħmar Ġermaniż). Il-membri tagħha jeżerċitaw l-attività professjonali tagħhom, prinċipalment, kemm fi ħdanha, kif ukoll fi ħdan stabbilimenti tal-kura u tas-saħħa fil-kuntest ta' ftehimiet ta' tqegħid għad-dispożizzjoni. F'dan it-tieni każ, l-imsemmija membri huma suġġetti għall-istruzzjonijiet tekniċi u organizzativi tal-istabbiliment inkwistjoni.

12 Bis-saħħa tar-reoli interni tal-assoċjazzjoni, din tal-aħħar tħallas lill-membri tagħha remunerazzjoni mensili kkalkolata skont l-użanzi li huma prevalenti fil-qasam tal-attività kkonċernata, miżjuda b'mod partikolari bir-rimbors ta' ċerti spejjeż għat-trasferiment u għaċ-ċaqliq, drittijiet għal pensjoni tal-irtirar komplementari kif ukoll drittijiet għal leave imħallas, konformement mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ f'dan il-qasam ta' attività. L-imsemmija membri jibbenefikaw ukoll miż-żamma tar-remunerazzjoni tagħhom fil-każ ta' inkapaċità għax-xogħol minħabba mard jew inċident.

13 Ir-relazzjoni bejn l-assoċjazzjoni u l-membri tagħha ma hijiex, madankollu, irregolata b'kuntratt ta' xogħol. Għalhekk, il-bażi legali tal-obbligu tal-membri li jipprovdu xogħol tinsab fir-reġistrazzjoni tagħhom mal-assoċjazzjoni u l-impenn li jirriżulta minn dan permezz tal-kontribuzzjoni lilha fil-forma ta' servizzi ta' xogħol fil-kuntest ta' rabta ta' subordinazzjoni personali.

14 K. hija infermiera u membru rreġistrat mal-assoċjazzjoni. Hija kellha tiġi assenjata fis-servizz tal-infermiera tar-Ruhrlandklinik mill-1 ta' Jannar 2012 fuq il-bażi ta' ftehim ta' tqegħid għad-dispożizzjoni konkluż bejn din tal-aħħar u l-assoċjazzjoni.

15 Permezz ta' ittra tat-2 ta' Diċembru 2011, il-kunsill tal-impriża madankollu rrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu għal din l-assenjazzjoni għar-raġuni li din ma kinitx ta' natura temporanja u għalhekk tmur kontra l-Artikolu 1(1) tal-liġi dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ħaddiema, li jipprekludi t-tqegħid għad-dispożizzjoni mhux temporanju ta' ħaddiema fi ħdan impriżi utenti.

16 Peress li kkunsidrat li dan ir-rifjut kien infondat sa fejn l-Artikolu 1 ma kienx applikabbli f'dan il-każ, ir-Ruhrlandklinik irreklutat lil K. b'mod provviżorju u talbet lill-qorti tawtorizza, permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja, it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' din tal-aħħar b'mod definittiv. Peress li l-qrati inferjuri laqgħu din it-talba, il-kunsill tal-impriża ppreżenta appell quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Bundesarbeitsgericht (qorti federali tax-xogħol, il-Ġermanja).

17 Skont din il-qorti tal-aħħar, il-projbizzjoni tat-tqegħid għad-dispożizzjoni mhux temporanju ta' ħaddiema prevista fl-Artikolu 1(1) tal-liġi dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ħaddiema tapplika biss għall-ħaddiema impjegati ta' aġenzija ta' xogħol temporanju.

18 Issa, il-membri tal-assoċjazzjoni, inkluża K. ma għandhomx il-kwalità ta' ħaddiem fid-dritt Ġermaniż peress li ma humiex marbuta ma' din l-assoċjazzjoni permezz ta' provvista ta' xogħol, għalkemm huma jipprovdu, għal remunerazzjoni, provvista ta' xogħol favur persuna oħra u taħt id-direzzjoni tagħha. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza tal-Bundesarbeitsgericht (qorti federali tax-xogħol) huwa ħaddiem fid-dritt Ġermaniż kull min huwa obbligat, fuq il-bażi ta' kuntratt irregolat mid-dritt privat, li jipprovdi lil persuna oħra servizz ta' xogħol iddeterminat minn ħaddieħor, filwaqt li jkun suġġett għal istruzzjonijiet, fil-kuntest ta' rabta ta' subordinazzjoni personali.

19 Madankollu, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, għalkemm ma għandhiex il-kwalità ta' ħaddiem skont id-dritt Ġermaniż, K. ma tistax tiġi kkunsidrata bħala tali skont id-dritt tal-Unjoni u, b'mod iktar speċifiku, fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/104.

20 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll jekk it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' K. mill-assoċjazzjoni fi ħdan ir-Ruhrlandklinik jikkostitwixxix attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva, li jillimita f'dan is-sens il-kamp ta' applikazzjoni ta' din tal-aħħar.

21 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesarbeitsgericht (qorti federali tax-xogħol), iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 1(1) u (2) tad-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Novembru 2008, dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija, japplika fil-każ fejn membru ta' assoċjazzjoni jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' impriża oħra sabiex jipprovdi prestazzjoni ta' xogħol, filwaqt li jkun suġġett għall-istruzzjonijiet tekniċi u organizzattivi ta' din tal-aħħar, jekk dan il-membru jkun intrabat, meta ssieħeb mal-assoċjazzjoni, li jqiegħed il-kapaċità ta' xogħol kollha tiegħu għad-dispożizzjoni wkoll ta' terzi, li bħala korrispettiv għalih jirċievi mingħand l-assoċjazzjoni remunerazzjoni mensili kkalkolata skont il-kriterji abitwali għall-attività kkonċernata, u jekk l-assoċjazzjoni tirċievi, fir-rigward ta' dan it-tqegħid għad-dispożizzjoni, kumpens għall-ispejjeż tal-persunal tal-membru inkwistjoni kif ukoll ammont b'rata fissa għall-ispejjeż amministrattivi?"

Fuq id-domanda preliminari

22 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 1(1) u (2) tad-Direttiva 2008/104 għandux jiġi interpretat fis-sens li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva t-tqegħid għad-dispożizzjoni minn assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru, bil-korrispettiv ta' kumpens finanzjarju, ta' wieħed mill-membri tagħha fi ħdan impriża utenti sabiex jipprovdi fiha, prinċipalment u taħt id-direzzjoni ta' din tal-aħħar, provvista ta' xogħol b'remunerazzjoni, filwaqt li dan il-membru ma għandux il-kwalità ta' ħaddiem fid-dritt nazzjonali għar-raġuni li ma kkonkludiex kuntratt ta' xogħol mal-imsemmija assoċjazzjoni.

23 Konformement mal-imsemmi Artikolu 1, l-applikazzjoni tad-Direttiva 2008/104 tippreżumi b'mod partikolari li l-persuna inkwistjoni hija "ħaddiem" fis-sens tal-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, u li l-aġenzija ta' xogħol temporanju li tqiegħed din il-persuna għad-dispożizzjoni ta' impriża utenti teżerċita "attività ekonomika" fis-sens tal-paragrafu 2 tal-imsemmi artikolu.

24 Għaldaqstant, sabiex tingħata risposta għad-domanda magħmula, għandu jiġi ddeterminat jekk dawn iż-żewġ kundizzjonijiet humiex issodisfatti f'ċirkustanzi bħal dawk imsemmija fil-punt 22 ta' din is-sentenza.

Fuq il-kunċett ta' "ħaddiem"

25 Sabiex jiġi interpretat il-kunċett ta' "ħaddiem" fis-sens tad-Direttiva 2008/104, għandu jiġi enfasizzat li, skont l-Artikolu 3(1)(a) ta' din id-direttiva, dan il-kunċett ikopri "kwalunkwe persuna li, fl-Istat Membru kkonċernat, hija protetta bħala ħaddiem skond il-liġi nazzjonali tal-impjieg".

26 Għalhekk, jirriżulta mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni li taqa' taħt il-kunċett ta' "ħaddiem" fis-sens tal-imsemmija direttiva kull persuna li tipprovdi xogħol u li hija protetta fl-Istat Membru kkonċernat.

27 Issa, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-karatteristika essenzjali ta' relazzjoni ta' xogħol hija l-fatt li persuna twettaq, matul ċertu żmien, favur persuna oħra u taħt id-direzzjoni tagħha, servizzi li bħala korrispettiv għalihom hija tirċievi remunerazzjoni, fejn

il-klassifikazzjoni ġuridika fid-dritt nazzjonali u l-forma ta' din ir-relazzjoni, kif ukoll in-natura tar-rabta legali li torbot dawn iż-żewġ persuni, ma humiex, f'dan ir-rigward, determinanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Novembru 2010, Danosa, C-232/09, EU:C:2010:674, punti 39 u 40 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

28 Barra minn hekk, mill-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/104 kif ukoll mill-Artikolu 3(1)(ċ) ta' din li jiddefinixxi l-kunċett ta' "ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija" jirriżulta li din id-direttiva ma tapplikax biss għall-ħaddiema li kkonkludew kuntratt ta' xogħol ma' aġenzija ta' xogħol temporanju, iżda wkoll għal dawk li għandhom "relazzjoni ta' impjieg" ma' tali impriża.

29 Minn dan isegwi li la l-klassifikazzjoni ġuridika, fid-dritt nazzjonali, tar-relazzjoni li tgħaqqad il-persuna inkwistjoni mal-aġenzija ta' xogħol temporanju, la n-natura tar-rabtiet legali tagħhom, lanqas il-forma ta' din ir-relazzjoni ma hija determinanti għall-finijiet tad-deskrizzjoni ta' din il-persuna bħala "ħaddiem" fis-sens tad-Direttiva 2008/104. Għalhekk, b'mod partikolari, kuntrarju għal dak li ssostni r-Ruhrlandklinik fl-osservazzjonijiet tagħha, persuna, bħal ma hija K., ma tistax tiġi eskluża mill-kunċett ta' "ħaddiem" fis-sens ta' din id-direttiva, u għalhekk mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, għas-sempliċi raġuni li ma hijiex marbuta mal-aġenzija ta' xogħol temporanju permezz ta' kuntratt ta' xogħol u għalhekk li hija ma għandhiex il-kwalità ta' ħaddiem skont id-dritt Ġermaniż.

30 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkontestata mill-fatt li, skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/104, hija ma tippreġudikax id-dritt nazzjonali fir-rigward tad-definizzjoni tal-ħaddiem.

31 Fil-fatt, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 29 tal-konklużjonijiet tiegħu, din id-dispożizzjoni tfisser biss li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jippreżerva s-setgħa tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-persuni li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "ħaddiem" fis-sens tad-dritt nazzjonali u li jkunu suġġetti ta' protezzjoni fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni interna tagħhom, aspett li d-Direttiva 2008/104 ma għandhiex bħala għan li tarmonizza.

32 Min-naħa l-oħra, l-imsemmija dispożizzjoni ma tistax tiġi interpretata bħala rinunzja tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jiddetermina huwa stess il-portata ta' dan il-kunċett fis-sens tad-Direttiva 2008/104, u għalhekk il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tagħha. Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-punti 25 u 26 ta' din is-sentenza, dan il-leġiżlatur ma ħalliex lill-Istati Membri jieħdu ħsieb jiddefinixxu unilateralment l-imsemmi kunċett, iżda speċifika huwa stess il-parametri fl-Artikolu 3(1)(a) ta' din id-direttiva, kif, barra minn hekk, għamel ukoll fir-rigward tad-definizzjoni ta' "ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija" fl-Artikolu 3(1)(ċ) tal-imsemmija direttiva.

33 Għalhekk, għall-finijiet tal-interpretazzjoni tagħha, l-imsemmi kunċett ikopri kull persuna li għandha relazzjoni ta' xogħol fis-sens indikat fil-punt 27 ta' din is-sentenza u li hija protetta, fl-Istat Membru kkonċernat, taħt is-servizz ta' xogħol li hija tipprovdi.

34 Tali interpretazzjoni hija kkorroborata mill-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2008/104.

35 Fil-fatt, mill-premessi 10 u 12 ta' din id-direttiva jirriżulta li peress li s-sitwazzjoni ġuridika, l-istatus u l-kundizzjonijiet ta' xogħol tal-ħaddiema temporanji fi ħdan l-Unjoni huma kkaratterizzati minn diversità kbira ħafna, l-imsemmija direttiva hija intiża sabiex tistabbilixxi qafas protettur għal dawn il-ħaddiema, li huwa mhux diskriminatorju, trasparenti u proporzjonat, filwaqt li josserva d-diversità tas-swieq tax-xogħol u r-relazzjonijiet bejn l-imsieħba soċjali. Għalhekk, konformement mal-Artikolu 2 tal-istess direttiva, din għandha l-għan li tiżgura l-protezzjoni tal-ħaddiema temporanji u ttejjeb il-kwalità tax-xogħol temporanju billi tiġi żgurata l-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fir-rigward ta' dawn il-ħaddiema u billi jiġi rrikonoxxut lill-aġenziji ta' xogħol temporanju bħala persuni li jimpjegaw, filwaqt li jittieħed kont tan-neċessità li jiġi stabbilit qafas xieraq għall-użu ta' dan it-tip ta' xogħol bil-ħsieb li jikkontribwixxi b'mod effettiv għall-ħolqien ta' impjiegi u għall-iżvilupp ta' forom flessibbli ta' xogħol.

36 Issa, limitazzjoni tal-kunċett ta' "ħaddiem" fis-sens tad-Direttiva 2008/104 għall-persuni li jaqgħu taħt dan il-kunċett skont id-dritt nazzjonali, b'mod partikolari dawk li huma marbuta minn kuntratt ta' xogħol mal-aġenzija ta' xogħol temporanju, tista' tpoġġi fil-perikolu t-twettiq ta' dawn l-għanijiet u, għaldaqstant, tippreġudika l-effett utli ta' din id-direttiva billi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha jiġi ristrett b'mod eċċessiv u inġustifikat.

37 Fil-fatt, tali limitazzjoni tippermetti lill-Istati Membri jew lill-aġenziji ta' xogħol temporanju li jneħħu kif iridu huma ċerti kategoriji ta' persuni mill-benefiċċju tal-protezzjoni mixtieqa mill-imsemmija direttiva, b'mod partikolari mill-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn il-ħaddiema temporanji u l-persunal impjegat direttament mill-impriża utenti previst fl-Artikolu 5 tal-istess direttiva, minkejja li r-relazzjoni ta' xogħol li torbot dawn il-persuni mal-aġenzija ta' xogħol temporanju ma tkunx sostanzjalment differenti minn dik li torbot lill-impjegati li għandhom il-kwalità ta' ħaddiem skont id-dritt nazzjonali tal-persuna li timpjega tagħhom.

38 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tindika li l-assoċjazzjoni tixtieq tqiegħed lil K. għad-dispożizzjoni tar-Ruhrlandklinik sabiex hija twettaq, prinċipalment u taħt id-direzzjoni ta' din tal-aħħar, servizzi fil-kwalità ta' infermiera, bil-korrispettiv ta' remunerazzjoni mensili kkalkolata skont il-kriterji użati fil-qasam tas-servizzi tas-saħħa. Għalhekk, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti fid-deċiżjoni tar-rinviju, ir-relazzjoni li torbot lil K. mal-assoċjazzjoni ma tidhirx sostanzjalment differenti minn dik li torbot lill-ħaddiema impjegati ta' aġenzija ta' xogħol temporanju magħha.

39 Barra minn hekk, mill-fajl sottomess lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-membri tal-assoċjazzjoni, inkluża K., jibbenefikaw minn ċertu numru ta' drittijiet, li huma parzjalment identiċi jew ekwivalenti għal dawk li jgawdu l-persuni kklassifikati bħala ħaddiema skont id-dritt Ġermaniż.

40 Għaldaqstant, il-qorti tar-rinviju stess tenfasizza li dawn il-membri jibbenefikaw minn regoli ta' protezzjoni imperattivi tad-dritt tax-xogħol. Barra minn hekk, kif ġie speċifikat mir-Ruhrlandklinik u mill-Gvern Ġermaniż bħala tweġiba għal mistoqsija magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 61(1) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, l-imsemmija membri huma suġġetti għas-Sozialgesetzbuch (kodiċi tas-sigurtà soċjali) bl-istess mod bħall-persuni kklassifikati bħala ħaddiema fid-dritt Ġermaniż.

41 Barra minn hekk, skont ir-Ruhrlandklinik, dawn il-membri jibbenefikaw minn regoli leġiżlattivi applikabbli għall-ħaddiema f'dak li jirrigwarda l-leave imħallas, il-leave tal-mard, il-leave tal-maternità u parentali u ż-żamma tar-remunerazzjoni fil-każ ta' inkapaċità għax-xogħol minħabba mard jew inċident. Huma jgawdu, barra minn hekk, mill-istess protezzjoni bħall-impjegati stess tar-Ruhrlandklinik fil-qasam tal-parteċipazzjoni għat-teħid ta' deċiżjoni fi ħdanha, jirċievu l-istess remunerazzjoni u huma suġġetti għal kundizzjonijiet ta' xogħol identiċi bħal dawn tal-aħħar. Fl-aħħar nett, ma jistgħux jiġu eskluži mill-assoċjazzjoni ħlief għal raġuni serja.

42 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, jidher għalhekk li l-membri tal-assoċjazzjoni huma protetti fil-Ġermanja fid-dawl tal-provvista ta' xogħol li huma jipprovdu, ħaġa li madankollu għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju.

43 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, il-kunċett ta' "ħaddiem" fis-sens tad-Direttiva 2008/104 għandu jiġi interpretat bħala li jkopri kull persuna li twettaq provvista ta' xogħol, jiġifieri li twettaq, matul perijodu ta' żmien, favur persuna oħra u taħt id-direzzjoni tagħha, servizzi li bħala korrispettiv tagħhom tirċievi remunerazzjoni, u li hija protetta f'dan ir-rigward fl-Istat Membru kkonċernat, u indipendentement mill-klassifikazzjoni ġuridika tar-relazzjoni ta' xogħol tagħha fid-dritt nazzjonali, in-natura tar-rabta legali li torbot dawn iż-żewġ persuni u l-forma ta' din ir-relazzjoni. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk il-kundizzjonijiet humiex issodisfatti f'dan il-każ u jekk K. għandhiex, għaldaqstant, tiġi kklassifikata bħala "ħaddiem" fis-sens ta' din id-direttiva.

Fuq il-kunċett ta' "attività ekonomika"

44 Fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "attività ekonomika" fis-sens tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104, għandu jiġi enfasizzat li, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandha natura ekonomika kull attività li tikkonsisti li jiġu offerti oġġetti jew servizzi f'suq partikolari (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-18 ta' Ġunju 1998, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-35/96, EU:C:1998:303, punt 36, tas-6 ta' Settembru 2011, Scattolon, C-108/10, EU:C:2011:542, punt 43, u tat-23 ta' Frar 2016, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-179/14, EU:C:2016:108, punt 149).

45 Issa, f'dan il-każ, l-assoċjazzjoni toffri servizzi fis-suq tat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' persunal tal-kura fi ħdan stabbilimenti tal-kura u tas-saħħa fil-Ġermanja, bil-korrispettiv ta' kumpens finanzjarju li jkopri l-ispejjeż tal-persunal u l-ispejjeż amministrattivi.

46 Kuntrarjament għal dak li ssostni r-Ruhrlandklinik, iċ-ċirkustanza li l-assoċjazzjoni hija mingħajr skop ta' lukru, konformement mal-kliem stess tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104 u skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2015, Pfotenhilfe-Ungarn, C-301/14, EU:C:2015:793, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata), ma hijiex rilevanti f'dan ir-rigward. Il-forma ġuridika ta' din l-assoċjazzjoni, ikkostitwita bħala tali, ukoll ma hijiex rilevanti peress li ma tippreġudikax in-natura ekonomika tal-attività eżerċitata.

47 Konsegwentement, għandu jiġi kkunsidrat li assoċjazzjoni, bħal ma hija dik li tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' stabbilimenti tal-kura u tas-saħħa persunal tal-kura bil-korrispettiv ta' kumpens finanzjarju li jkopri l-ispejjeż tal-persunal u l-ispejjeż amministrattivi, teżerċita attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 1(2) tal-imsemmija direttiva.

48 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, id-domanda magħmula għandha tiġi risposta li l-Artikolu 1(1) u (2) tad-Direttiva 2008/104 għandu jiġi interpretat fis-sens li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva t-tqegħid għad-dispożizzjoni minn assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru, bil-korrispettiv ta' kumpens finanzjarju, ta' wieħed mill-membri tagħha fi ħdan impriża utenti sabiex jipprovdi fiha, prinċipalment u taħt id-direzzjoni ta' din tal-aħħar, provvista ta' xogħol b'remunerazzjoni, peress li dan il-membru huwa protett f'dan ir-rigward fl-Istat Membru kkonċernat, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, u minkejja li l-imsemmi membru ma għandux il-kwalità ta' ħaddiem fid-dritt nazzjonali għar-raġuni li ma kkonkludiex kuntratt ta' xogħol mal-imsemmija assoċjazzjoni.

Fuq l-ispejjeż

49 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 1(1) u (2) tad-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Novembru 2008, dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija għandu jiġi interpretat fis-sens li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva t-tqegħid għad-dispożizzjoni minn assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru, bil-korrispettiv ta' kumpens finanzjarju, ta' wieħed mill-membri tagħha fi ħdan impriża utenti sabiex jipprovdi fiha, prinċipalment u taħt id-direzzjoni ta' din tal-aħħar, provvista ta' xogħol b'remunerazzjoni, peress li dan il-membru huwa protett f'dan ir-rigward fl-Istat Membru kkonċernat, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li

għandha tivverifika, u minkejja li l-imsemmi membru ma għandux il-kwalità ta' ħaddiem fid-dritt nazzjonali għar-raġuni li ma kkonkludiex kuntratt ta' xogħol mal-imsemmija assoċjazzjoni.

Firem